EQUINET
European Network of Equality Bodies

NCPE

| Non-diskriminazzjoni | Le għall-mibgħeda | Ugwaljanza |
|---|---|---|

# Rikmandazzjoni biex jingħelbu d-diskriminazzjoni u d-diskors ta' mibgħeda fil-kampanji elettorali

## Equinet, in-Network Ewropew għall-Korpi dwar l-Ugwaljanza

- **Waqt li jfakkar** li trattament ugwali u non-diskriminazzjoni huma l-bażi tas-sistema tad-drittijiet umani universali kif ukoll tal-prinċipji u l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

- **Waqt li jagħraf** li d-dritt għall-ugwaljanza u l-libertà mid-diskriminazzjoni huwa l-uniku dritt stabbilit fid-disa' Trattati ewlenin tal-Ġnus Maqgħuda u huwa wkoll is-suġġett ta' leġiżlazzjoni u ġurisprudenza żviluppata sew fil-livelli tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea;

- **Waqt li jfakkar** li l-korpi dwar l-ugwaljanza huma istituzzjonijiet indipendenti tal-istat stabbiliti madwar l-Ewropa biex jippromwovu l-ugwaljanza u jaffrontaw id-diskriminazzjoni u l-fastidju, ħafna drabi b'mandat li jittratta d-diskors ta' mibgħeda;

- **Waqt li jtenni** li l-korpi dwar l-ugwaljanza huma dedikati biex jippromwovu l-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni f'kull qasam tal-ħajja;

- **Waqt li jagħraf** li l-libertà tal-espressjoni hija waħda mill-iktar drittijiet umani bażiċi u hija applikabbli mhux biss għal "informazzjoni" u "ideat" li jintlaqgħu tajjeb jew meqjusa bħala inoffensivi jew ta' indifferenza, imma wkoll għal dawk li joffendu, jixxokjaw jew jikkawżaw disturb lill-Istat jew kwalunkwe settur tal-popolazzjoni, iżda li **jfakkar** li l-libertà tal-espressjoni mhijiex assoluta u huwa neċessarju li diskors ta' mibgħeda jiġi pprevenut, kif definit f'kull forma ta' espressjoni li xxerred, ixxewwex, tippromwovi jew tiġġustifika mibgħeda bbażata fuq l-intolleranza;

- **Waqt li jagħraf** ir-rabtiet bejn diskriminazzjoni, fastidju u diskors ta' mibgħeda;

- **Waqt li jinnota,** bi tħassib, rapporti dwar numru dejjem jikber ta' kampanji elettorali fl-Ewropa influwenzati minn persuni li jitfgħu dell ikrah fuq ħaddieħor u lingwaġġ diskriminatorju jew diskors ta' mibgħeda kontra ċertu gruppi tas-soċjetà, ħafna drabi ġġustifikati bħala biss espressjonijiet ta' opinjonijiet personali jew anke bħala tħassib għad-drittijiet umani;

- **Waqt li jagħraf** li d-diskriminazzjoni, il-fastidju, id-diskors ta' mibgħeda u l-ideoloġiji jew diskors fil-kampanji elettorali li huma bbażati fuq ideat jew teoriji ta' superjorità ta' grupp wieħed ta' persuni minħabba l-karatteristiċi personali tagħhom, huma direttament u neċċessarjament kontradittorji għall-prinċipji demokratiċi u huma kapaċi jippreġudikaw il-valuri ewlenin ta' stati demokratiċi u t-tradizzjonijiet komuni konstituzzjonali.

Equinet tipprovdi r-**rikmandazzjonijiet** li ġejjin:

**Prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza**

1. Non-diskriminazzjoni u l-ambizzjoni għall-ugwaljanza sostantiva huma l-pedament tad-demokraziji Ewropej u l-kampanji elettorali huma test kruċjali biex ikun hemm impenn għalihom.

2. It-trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni huma standards minimi komuni u għandhom jiġu rispettati minn kulħadd f'kull ċirkonstanza fi żminijiet ta' kampanji elettorali.

3. Il-partiti politiċi u l-istabbilimenti tal-midja għandhom jikkunsidraw li jaddottaw jew jappoġġjaw kodiċi ta' kondotta għall-kampanji elettorali li jinkludu politika li tittratta d-diskriminazzjoni, il-fastidju u d-diskors ta' mibgħeda.

**Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni**

4. Il-partiti politiċi u l-kandidati, kif ukoll nies li jaħdmu magħhom, għandhom iżommu lura milli jużaw lingwaġġ diskriminatorju jew jipproponu politika u liġijiet diskriminatorji jew jgħidu u jissaportjaw ideat jew teoriji ta' superjorità ta' grupp wieħed ta' persuni bbażati fuq razza, etniċità, reliġjon, ġeneru, età, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, diżabbiltà, karatteristiċi personali protteti oħra jew xi kombinazzjoni ta' dawn.

5. L-istabillimenti tal-midja, waqt li jkopru l-kampanji elettorali, għandhom joqogħdu lura milli jużaw jew jissaportjaw lingwaġġ diskriminatorju jew politika u ideat jew teoriji ta' superjorità ta' grupp wieħed ta' persuni bbażati fuq razza, etniċità, reliġjon, ġeneru, età, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, diżabbiltà, karatteristiċi personali protteti oħra jew kombinazzjoni ta' dawn. Ir-rappurtaġġ fuq tali oqsma u dikjarazzjonijiet fil-kampanji elettorali għandhom isiru b'mod responsabbli, bi spjegazzjoni u riflessjoni kritika dwar il-kuntest.

**Diskors ta' mibgħeda**

6. Il-partiti politiċi u l-kandidati, kif ukoll nies jaħdmu magħhom, għandhom iżommu lura milli jużaw lingwaġġ diskriminatorju jew jipproponu lingwaġġ li jwassal għal diskors ta' mibgħeda fil-programmi u kampanji tagħhom[1].

7. Stabillimenti ta' midja, waqt li jkopru l-kampanji elettorali, għandhom joqogħdu lura milli jużaw jew jissaportjaw diskors ta' mibgħeda. Rappurtaġġ dwar lingwaġġ fil-kampanji elettorali li jammonta għal diskors

[1] Għall-finijiet ta' din ir-rikmandazzjoni "diskors ta' mibgħeda" huwa mifgħum, skont il-kitba tal-*General Policy Recommendation No. 15 of the European Commission against Racism and Intolerance on combating hate speech*, bħala ġlieda, promozzjoni jew ħajra, fi kwanlunkwe forma, ta' denigrazzjoni, mibgħeda jew tkasbir ta' persuna jew grupp ta' persuni, kif ukoll kwalunkwe fastidju, insult, sterjotipar negattiv, stigma jew theddida lejn tali persuna jew grupp ta' persuni u l-ġustifikazzjoni ta' dawn it-tipi ta' espressjoni, jew fuq bażi ta' "razza", kulur, dixxendenza, nazzjonalità jew oriġini etnika, età, diżabbiltà, lingwa, reliġjon jew twemmin, sess, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali jew karatteristiċi personali oħra jew status.

ta’ mibgħeda għandu jsir b’mod responsabbli, bi spjegazzjoni u riflessjoni kritika dwar il-kuntest.

**Indirizzar ta’ suġġetti sensittivi[2]**

8. Il-partiti politiċi u l-kandidati, kif ukoll nies jaħdmu magħhom, għandhom ikunu responsabbli u ġusti meta jindirizzaw suġġetti sensitivi relatati ma’ gruppi definiti minn karatteristiċi personali protteti komuni, sabiex tiġi evitata l-istigma dwarhom.

9. L-istabillimenti ta’ midja, waqt li jkopru l-kampanji elettorali, għandhom ikunu responsabbli u ġusti meta jindirizzaw suġġetti sensitivi relatati ma gruppi definiti minn karatteristiċi personali protteti komuni, sabiex tiġi evitata l-istigma dwarhom. Rappurtaġġ fuq tali każi sensittivi għandu jsir bi spjegazzjoni u riflessjoni kritika tal-kuntest.

**Rappreżentazzjoni ugwali fil-listi elettorali**

10. Il-partiti politiċi għandhom jikkunsidraw li jimplimentaw prassi u politika biex jiksbu rappreżentazzjoni li tirrifletti d-diversità tan-nies fil-livelli kollha tas-soċjetà fil-listi elettorali anki fl-assenza ta’ dmir legali biex jagħmlu hekk.

Equinet hija Network Ewropew għall-Korpi dwar l-Ugwaljanza, organizzazzjoni ta’ sħubija li tgħaqqad 49 korp dwar l-ugwaljanza minn 36 pajjiż Ewropew li jinkludu l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea (UE). Korpi dwar l-Ugwaljanza huma organizzazzjonijiet pubbliċi li jassistu lil vittmi tad-diskriminazzjoni, jagħmlu monitoraġġ u rappurtaġġ fuq suġġetti ta’ diskriminazzjoni, u jikkontribwixxu għall-għarfien dwar id-drittijiet u l-valuri tal-ugwaljanza fis-soċjetà. Il-korpi dwar l-ugwaljanza huma obbligati legalment biex jagħmlu dan fir-rigward ta’ xi wieħed jew xi wħud jew kull wieħed mill-oqsma kollha ta’

[2] Għall-finijiet ta’ din ir-rikmandazzjoni, suġġett sensittiv huwa kwalunkwe suġġett li huwa ħafna drabi użat b’mod diskriminatorju u retorika intolleranti jew diskors ta’ mibgħeda kontra ċertu gruppi. Suġġetti sensittivi jistgħu jinkludu, imma mhux limitati għal, miżuri ta’ protezzjoni soċjali, benefiċċji ta’ qgħad, jew statistiċi kriminali.

diskriminazzjoni koperta mill-liġi tal-Unjoni Ewropea (UE) – ġeneru, razza u etniċità, età, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew twemmin, u diżabbiltà.

**Ikkuntatjana:**

www.equineteurope.org

**E-mail**: info@equineteurope.org

**Facebook:** facebook.com/EquinetEurope

**Twitter:** @equineteurope